MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 111/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**Claude John Mattocks**

**Illum, 16 ta' Novembru, 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Novembru, 2008 jew fil-jiem ta' qabel, ta, jew ftiehem li jaghti jew joffri jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew tiftiehem li taghti jew toffi, xi rigal jew kumpens lil Matthew Camilleri, player ta' Msida St. Joseph Football Club, biex ihajru jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli, wara li jkun beda jsehh l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players, ikun ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga li

jekk issir jew jonqos milli jsir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta’ l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 3(3) u 9 (1)(a) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hati w ikkundannatu ghal piena ta’ erba’ xhur prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali w ordnat li tali piena ma sehhx hlief jekk l-appellant jikkommetti reati iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sena. Minbarra dan ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 t’April, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’daik il-parti taghha fejn iddikjara lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, thassar u tirrevoka l-istess sentenza f’dik il-parti taghha fejn l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta’ erba’ xhur prigunerija sospizi fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 ghall-perjodu ta’ sena w ghall-hals ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500) u minflok tiddikjara li huwa applikabbli l-artikolu 7 tal-Kap. 263 u konsegwentement l-appellant hu ezentat minn kwalunkwe piena jew alternattivament, fl-eventwalita’ li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. illi benche li tirrizulta r-reita, f’dan il-kaz kienet applikabbli l-ezenzjoni mill-piena kontemplata fl-artikolu 7 tal-Kap. 263. illi originarjament l-appellant kien sejjer ikun intitolat ghall-ezenzjoni mill-piena kontemplata fl-artikolu 9(2) tal-Kap. 263. fil-fatt l-appellant kien diga’ stqarr li kien dispost li jixhed fil-proceduri li kien ser ikunu istitwiti fil-konfront ta’ Peter Hartcho. Tabilhaqq jigi ribadut u

mfakkar li kien diga' sar konfront fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija bejn l-appellant u dan Hartcho. Kien meta gie hekk ikkonfrontat mill-appellant li dan Hartcho stqarr lill-Ispettur Gafa' l-involviment tieghu. Gara izda li meta mressaq il-Qorti, Hartcho wiegeb li huwa hati tal-imputazzjoni lilu addebitata w konsegwentement ma kienx jehtieg ix-xhieda tal-appellant fil-proceduri kontra dan Hartcho b'mod illi giet stronkata l-possibilita' li l-appellant jibbenifika mill-ezenzjoni kontemplata fl-artikolu 9(2) tal-Kap. 263. issa pero' l-appellant xorta wahda f'dan il-kaz huwa applikabbli l-artikolu 7 tal-Kap. 263. mid-deposizzjoni tal-Ispettur Gafa' jirrizulta li hawn kien hawn zewg persuni li hadu sehem fl-eghmil ta' reat kontemplat fl-artikolu 3(3) tal-Kap. 263. jirrizulta wkoll li l-appellant gie mitlub jattendi fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, konsegwenza tal-informazzjoni lilhom moghtija. Tali talba jidher illi saret a bazi ta' dak dispost fl-artikolu 355AD tal-Kap. 9. Matul l-interrogazzjoni l-appellant ikkonferma w stqarr dak li l-Pulizija Ezekuttiva kienet diga' taf u dan a bazi tal-informazzjoni lilha mghoddija. Kjarament tali informazzjoni wahedha ma tiswa ghal xejn tant illi, kif xehed l-Ispettur Gafa' kien wara li l-appellant ddikjara l-involviment ta' Peter Hartcho li l-Pulizija ghaddew sabiex jarrestaw lil dan tal-ahhar. M'ghandu jkun hemm ebda dubbju li dak mistqarr mill-appellant sar qabel ma bdew xi procedimenti kriminali kontra tieghu w allura anki minn dana l-aspett, l-appellant jissottometti l-artikolu 7 huwa applikabbli. Illi ma jistax jigi sottomess li ghax dan it-taghrif nghata fil-kors ta' interrogatorju allura ma jammontax ghal dak dispost fl-artikolu 7. L-artikolu 7 ma jirrikjedix li dak mistqarr ikun spontanju. Tabilhaqq ebda distinzjoni f'dan is-sens ma tirrizulta mid-dicitura tal-ligi. Rapport li jsir lill-Pulizija Ezekuttiva jista' jsir fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 535(1) tal-kap. 9, minn kull persuna. B'hekk ma hemm ebda eskluzzjoni li tali persuna li qeghda taghmel dan ma tistax tkun persuna li hija hija stess indagata fuq xi reat. Tabilhaqq l-artikolu 7 tal-Kap. 263 jitkellem fuq persuna li tkun hi stess hadet sehem fl-eghmil ta' xi reat kontra xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 263.

2. illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva. F'dan ir-rigward jinghad li ebda impediment legali ma jesizti fil-

Kap. 263 dwar l-inaplikabbilita' tal-Kap. 446. Ianqas ma huwa riskontrat xi impediment ghall-applikabbilita tal-Kap. 446 fid-dawl tal-fedina penali tal-appellant.

Il-fatti illi taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :-
Fit-2 ta' Marzu, 2009 il-Pulizija tramite l-Ispettur Angelo Gafa' rrcieva informazzjoni minn ghand Matthew Camilleri, player ma' l-Imsida St. Joseph, illi xi zmien qabel loghba tal-"premier league" bejn Marsaxlokk FC u l-Imsida St. Joseph, illi intlaghbet fit-23 ta' Novembru, 2008, Matthew Camilleri kien gie avvicinat minn Claude John Mattocks sabiex jinxtara w jilghab hazin fil-loghba.
Camilleri ma accettax din l-offerta.

Fil-5 ta' Marzu, 2009, l-imputat gie mitlub jattendi fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex ikellmu l-Ispettur. Tali talba saret abbazi ta' dak dizpost fl-artikolu 355(a)(d) tal-Kap. 9 u cioe' "volontary attendance".

Waqt l-intervista l-imputat irrilaxxja w iffirma stqarrija li hija esebita a fol. 7 tal-atti. f'din l-istqarrija l-imputat ammetta mill-ewwel il-konvolgiment tieghu f'din il-vicenda illi huwa kien minnu illi avvicina lil Matthew Camilleri, il-"goal keeper" tal-Imsida St. Joseph sabiex jilghab versu kumpens ta' flus.

Ghad illi dan il-kumpens qatt ma ssemma, Camilleri mill-ewwel irrifjuta l-offerta tieghu. F'din l-istqarrija l-imputat informa lill-Ispettur illi kien Peter Hardshaw illi kien instigah sabiex javvicina lil Camilleri.

Fis-6 ta' Marzu, 2009, Claude John Mattocks tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex iwiegeb ghall-akkuzi illi huwa offra jew ippropona lill-persuna ohra b'kumpens sabiex dik il-persuna tonqos jew taghmel xi haga bi ksur tal-att dwar il-prevenzjoni tax-xiri ta' players. L-imputat ammetta l-akkuza w b'sentenza moghtija fl-24 ta' Marzu, 2009 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-imputat hati, kkundannatu ghall-piena ta' erba' xhur prigunerija sospizi ghal zmien sena w ikkundannatu ghall-multa ta' hames mitt Euro (€500).

Filwaqt illi l-imputat mhuwiex qed jikkontesta l-htija tieghu permezz ta' dan l-appell, qieghed jitlob riforma fis-sentenza appellata peress illi ippretenda illi kellu jigi mehlus mill-piena fl-isfond tal-artikoli 7 u 9(2) tal-Kap. 263 li jezenta mill-piena lil dawk illi jaghtu l-ewwel taghrif dwar xi reat qabel ma jinbdew xi procediment kriminali.

L-argument tad-difiza hu illi l-imputat ma kienx arrestat, gie mitlub illi volontarjament jattendi fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija w hekk kif l-Ispettur beda jistaqsih dwar il-loghba fuq imsemmija, Mattocks mall-ewwel ammetta l-konvolgiment tieghu w kien semma lil Peter Hardshaw bhala l-persuna li kien gaghlu ikellem lil Camilleri w kien abbazi ta' dan it-taghrif li l-Pulizija kompliet bl-investigazzjoni taghha, waslet ghal Peter Hardshaw. resqitu l-Qorti fejn ukoll ammetta l-htija tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 7 tal-Kap. 236 jghid *" meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem fl-eghmil ta' xi reat kontra xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan il-att, il-wiehed fosthom li, qabel ma jibdew xi procedimenti kriminali, jaghti l-ewwel taghrif dwar dak ir-reat u jirraporta lill-iehor jew lill-ohrajn li jkunu ghamlu ir-reat lill-awtoritajiet kompetenti, ikun ezentat mill-piena."*

L-abbli Avukat difensur gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi f'dak l-istadju illi l-imputat ta l-ewwel taghrif dwar Hardshaw lill-Pulizija, ma kienux ghadhom inbdew xi procedimenti kriminali peress illi l-Pulizija kienet ghadha qed tinvestiga.

Filwaqt illi din il-Qorti lesta li tikkoncedi illi f'dak l-istadju ma kienux ghadhom bdew xi procedimenti kriminali, thoss illi ma kienx minnu illi l-imputat ta l-ewwel taghrif dwar dak ir-reat.

Ix-xiehda ta' l-Ispettur Gafa' hija determinanti f'dan il-kaz.

Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a fol. 7, l-Ispettur jistaqsih *"il-Pulizija ghandha f'idejha nformazzjoni li qabel il-loghba li Marsaxlokk FC laghbtu kontra Msida St.*

*Joseph FC fit-23 ta' Novembru, 2008 fl-ewwel "round" tal-"premier division" inti (cioe' l-imputat) ippruvajt tikkorrompi player tat-team avversarju ....."*
Ghal din il-mistoqsija l-imputat ammetta w semma illi kien Peter Hardshaw illi gaghlu javvicina lil Matthew Camilleri.

Id-difiza qalet illi dan l-isem issemma l-ewwel darba mill-imputat u kien abbazi ta' dan illi l-Pulizija kompliet bl-investigazzjoni w wasslet biex tressaq lil Hardshaw il-Qorti. Izda bir-rispett il-Qorti ma taqbilx illi dan jirrizulta mill-atti. Fil-att a fol. 18 l-Ispettur Gafa' jghid li l-informazzjoni dwar dan l-attentat ta' tixhim kien ircevieha minn ghand Matthew Camilleri stess fit-2 ta' Marzu 2009 u f'din l-informazzjoni Matthew Camilleri semmilu lil Peter Hardshaw. A. fol. 20 tax-xiehda tieghu, l-Ispettur Gafa' jghid *" bhal ma jaf l-imputat Claude Mattocks kont jien li semmejtlu lil Peter Hardshaw ghax jien kelli l-informazzjoni illi kien is-sur Hardshaw illi qabdu javvicina lil Matthew Camilleri."*

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi l-imputat ikkoopera mall-Pulizija fl-investigazzjoni taghha, pero' sahhah dak illi kienu jafu diga' w ma ta l-ebda informazzjoni gdida li setghet twassal ghal xi arrest ta' xi persuna ohra illi l-Pulizija ma kienux jafu biha.

Ghalhekk fl-isfond ta' dawn il-fatti d-dispozt tal-artikolu 7 tal-Kap. 263 illi l-imputat irid jaghti l-ewwel taghrif dwar dak ir-reat u jirraporta lill-iehor jew lill-ohrajn li jkunu ghamlu r-reat lill-awtoritajiet kompetenti mhuwiex sodisfatt peress li l-awtoritajiet kompetenti kienu jafu digsa' x'kien gara w l-imputat kull ma ghamel kien li sahhah dik l-informazzjoni. Veru illi l-awtoritajiet kompetenti uzaw dik l-informazzjoni biex wasslu ghall-htija ta' Hardshaw u kien, grazzi ghall-imputat, illi dan seta' jsir, pero' jibqa' l-fatt illi l-imputat ma kienx hu illi l-ewwel gharraf lill-awtoritajiet kompetenti dwar dak illi kien qieghed jigri. Dan it-taghrif inghata principalment minn Matthew Camilleri fit-2 ta' marzu 2009 fejn mhux biss semma l-operat ta' l-imputat imma dak ukoll ta' Peter Hardshaw.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-artikolu 7 tal-Kap. 263 ma japplikax u l-imputat ma jistax jibbenefika minnha w jkun ezenti mill-piena.

Ikkunsidrat

Ghal dak li jirrigwarda l-piena rrizulta illi dina qeghda fil-parametri tal-Ligi w mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturda d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------